# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR CHEV. PAUL SALIBA L.P.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

Avviz numru 25/00GT

Salvu Cassar

-vs-

John Caruana

## It-Tribunal;

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut biex jirrestitwixxi tank vojt, jew container tal-fuel illi kien gie misluf lilu mill-attur, tal-valur ta' madwar mitejn lira Maltin (Lm200) u fin-nuqqas, li l-attur jigi awtorizzat jikkonfiska dan it-tank minghandu, jew fin-nuqqas li l-istess konvenut jigi ordnat ihallas lill-attur il-valur ta' l-istess tank wara li l-valur ta' l-istess tank jigi likwidat minn dan it-Tribunal.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-24 ta' April 2000.

Ra l-verbal tal-20 ta' Gunju 2000 li permezz tieghu l-attur, tramite d-difensur tieghu, iddikjara li huwa qieghed jirtira l-parti tat-talba li tirrigwarda r-restituzzjoni tat-tank jew container u jillimita t-talba ghall-hlas tal-valur tieghu.

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi t-tank mertu ta'din il-kawza gie migbur minghand il-konvenut minn rapprezentanti ta' l-attur;

Sema' bil-gurament lill-konvenut u lil mart l-attur, ezamina l-provi prodotti u ha konjizzjoni tac-cirkustanzi kollha tal-kaz.

Ra l-verbal tal- 14 ta' Novembru 2000 li permezz tieghu d-difensuri tal-partijiet qablu li din il-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza mit-Tribunal kif attwalment presjedut stante li din hija konnessa ma' kawza ohra, fl-istess ismijiet (Avviz numru 42/99GT/PS), li tinsab differita ghas-sentenza u li sejra tigi deciza fis-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni wkoll tal-qbil bejn il-partijiet li, fil-kunsiderazzjoni tal-provi prodotti fil-kors tal-proceduri odjerni, issir ukoll referenza ghall-provi prodotti fic-citata kawza l-ohra fl-istess ismijiet, Avviz numru 42/99GT/PS.

Ikkunsidra:

1. Kif jirrizulta mid-deposizzjonijiet tal-partijiet u tax-xhieda taghhom, moghtija fil-kawza l-ohra Avviz numru 42/99GT/PS, l-konvenut, li ghandu zewg xarabanks, mar b'wahda mix-xarabanks ghand l-attur u xtara mill-pompa tieghu xi diesel. Dan kien f'Marzu 1998. Dak il-hin ordna konsenja ohra ta' diesel biex din tingieblu fil-garaxx tieghu u titbattal f'tank li kien ghad irid jiehdu minghand l-attur aktar tard. Fil-fatt, il-konvenut innifsu rega' mar ghand l-attur u garr minghandu tank vojt u kkollokah fil-garaxx tieghu. F'April ta' l-istess sena saret il-konsenja tad-diesel, li kien diga' gie ordnat qabel, u dan tbattal mil-lavrant ta' l-attur fit-tank vojt (ta' l-istess attur) li kien gie kollokat fil-garaxx tal-konvenut. Sussegwentement, inqalghet kwestjoni bejn il-partijiet dwar il-kwalita' ta' din il-konsenja ta' diesel - kwestjoni li hija mertu tal-kawza l-ohra li ghaliha saret referenza.

2. (a) Meta xehed fil-kawza l-ohra (Avviz numru 42/99GT) fis-seduta tal-11 ta' April 2000 il-konvenut qal hekk:

*"It-tank, li kien fadal fih ftit mid-diesel hazin, kienet giet persuna ghalih li qaltli li baghatha l-attur, u fil-fatt haditu".*

(b) Meta xehed fil-kawza odjerna fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2000 il-konvenut qal hekk:

*"Nikkonferma, kif diga' xhedt fil-kawza fl-ismijiet premessi Avviz numru 42/99GT, differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2000 illi t-tank in kwestjoni kont garrejtu jien minghand l-attur ghall-garaxx teighi li qieghed f'Santa Domenica Street, Victoria u go dan it-tank kien tferra' d-diesel li xtrajt minghand l-istess attur.*

*Meta fit-tank kien fadal ftit mid-diesel, wara li skoprejt li dan id-diesel kien qed jaghmilli hsara fix-xarabank, gie Peter Paul Said u dan qalli li baghtu*

*l-attur biex jigbor u jiehu lura t-tank. Fil-fatt, it-tank hadu dak il-hin. Jien fdajtu u tajtu t-tank lura ghax qalli li kien baghtu Salvu Cassar, cioe' l-attur.*

L-attur, qabel ma ghamel din il-procedura, qatt ma talabni la biex naghtih lura t-tank u lanqas biex, minn floku, naghtih il-valur tieghu. Jiena ma ergajtx kellimt lil dan Peter Paul Said mindu ha t-tank lura".

3. Fil-kawza l-ohra li ghaliha saret referenza, ma ntqal xejn mill-attur jew mix-xhieda minnu prodotti dwar ir-ritorn tat-tank. Pero' fil-kawza odjerna, xehdet Flavia Casar, mart l-attur, li tiehu hsieb il-kotba u l-kontijiet tan-negozju taghhom, li qalet hekk:

*"Jiena mart l-attur. Mhux veru li ahna - zewgi jew jiena - baghtna lil Peter Paul Said ghand il-konvenut biex jigbor it-tank. Nghid li la Peter Paul Said, la l-konvenut, u lanqas hadd iehor ma gabilna lura t-tank.*

*Ahna ma tlabniex lura t-tank ghaliex konna qeghdin li l-konvenut ihallasna tad-diesel u jgibilna wkoll it-tank lura.*

*Il-valur tat-tank mhux jien stabbilejtu. Dan il-valur ghamlu zewgi, cioe' l-attur.*

*Ahna sirna nafu l-ewwel darba li Peter Paul Said kien involut fl-allegat ritorn tat-tank meta konna diga' bdejna dina l-procedura".*

4. Dan premess, it-Tribunal ikompli jikkunsidra ulterjorment:

(a) Fil-kaz taht ezami, giet invertita l-ordni tal-provi, kif inhi l-prassi konsweta, peress illi l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas il-valur tat-tank, proprjeta' ta' l-attur u misluf lilu, billi huwa jallega illi dan it-tank gie effettivament ritornat lil sidu. Ghalhekk, konformament mal-principju guridiku ***"onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat"***, il-piz tal-prova li t-tank gie verament ritornat lill-attur jaqa' fuq il-konvenut.

(b) L-unika prova f'dan ir-rigward, migjuba mill-konvenut, hija d-deposizzjoni tieghu nnifsu li qal li gie ghat-tank certu Peter Paul Said, dan qal lill-konvenut li kien baghtu l-attur biex jiehu lura t-tank, fdah cekament u kkonsenjalu t-tank - bla ma ccekkja, la dak il-hin u lanqas qatt wara, biex jaccerta ruhu li dan Peter Paul Said irtira t-tank minghand il-konvenut b'inkarigu ta' l-attur u li fil-fatt it-tank twassal u nghata lura lill-attur. Il-konvenut ma habbilx aktar rasu biex jara jekk ir-ritorn tat-tank sehhx tabilhaqq.

(c) L-aqwa prova li seta' jgib il-konvenut in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu kienet tkun li jipproduci bhala xhud lill-istess Peter Paul Said. Fil-fatt, dan tharrek biex jixhed fis-seduta tal-31 ta'

Ottubru 2000, pero' ma deherx, u l-kawza thalliet ghall-14 ta' Novembru 2000 ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut, bl-intesa verbalizzata li f'dik is-seduta tigi differita ghas-sentenza.

Ghas-seduta tal-14 ta' Novembru 2000, ix-xhud ma regax gie mharrek, u l-kawza regghet ghal darb'ohra, thalliet ghall-ahhar darba ghat-28 ta' Novembru 2000 f'liema data kellha tithalla ghas-sentenza. Is-seduta tat-28 ta' Novembru pero' giet kancellata, u l-kawzi kolha fuq il-lista ta' dakinhar thallew ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2000. F'din is-seduta rega' ma sar xejn peress li l-konvenut ma ipproduciex lil Peter Paul Said biex jixhed, u l-kawza thalliet mill-gdid ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-partijiet ghat-12 ta' Dicembru 2000, f'liema seduta l-kawza kellha tigi differita ghas-sentenza.

Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000, xehdet mart l-attur. Id-difensur tal-konvenut informa lit-Tribunal li huwa kien ikkomunika diversi drabi kemm mal-konvenut kif ukoll max-xhud tieghu u avzahom biex jidhru, pero' xorta dawn baqghu ma dehrux. Il-kawza, ghalhekk thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

(d) Il-premess ma jistax ma jirriflettix ftit li xejn interess da parti tal-konvenut li jissustanzja l-kontestazzjoni tieghu u jsahhah l-allegazzjoni minnu maghmula dwar ir-ritorn tat-tank lil sidu (l-attur), kif kienet responsabbilta' tieghu li jaghmel u li fil-fatt ma ghamilx. *Multo magis* meta l-versjoni tieghu giet kategorikament ribattita minn Flavia Cassar, mart l-attur - li ghandha sehem attiv fil-gestjoni tan-negozju ta' zewgha - li cahdet li l-imsemmi Peter Paul Said qatt gie mqabbad minnhom biex jigbor u jiehu lura t-tank minghand il-konvenut, u cahdet daqstant iehor li t-tank qatt gie ritornat lilhom minn xi hadd.

5. fid-dawl tal-premess, it-talba attrici tirrizulta provata u qeghdha tigi akkolta, anke stante li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-valur tat-tank.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi:

1. Jilqa' t-talba attrici ghall-hlas ta' mitejn lira Maltin (Lm200) ammont dovut mill-kovenut bhala valur ta' tank tad-diesel lilu konsenjat mill-attur u li ma giex ritornat lura; u konsegwentement

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma imsemmija ta' mitejn lira Maltin (Lm200) dovuta ghar-ragunijiet premessi, flimkien ma' l-imghaxijiet fuq l-istess ammont dekorribbli mil-lum.

Qed jigi riservat favur il-konvenut kull dritt ta' azzjoni *"si et quatenus"* kontra l-imsemmi Peter Paul Said jew persuni ohra.

L-ispejjez kollha ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenut.

(ft.) P.L. Paul Saliba
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur